**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 198, 203, 207, 86, 87, 221, 17(b),**
**20, 22 u 533 tal-Kap 9 u**
**l-artikolu 14 tal-Kap 127**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**Spettur Sharon Tanti**
**Spettur Neville Xuereb**
v

**SALAH DI ALI AGOURI**

**Seduta ta' llum 26 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SALAH DI ALI AGOURI** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Jesin u Nuara, imwieled Benghasi nhar t-tmintax ta' Gunuu, 1973 u residenti 'Wellington Court', Triq Wilga, Paceville, detentur ta' passaport numru D-929188, gie imressaq quddiemha akkuzat talli

1. bejn il-lejl tas-sbatax w t-tmintax ta' Lulju, 2000, f'Pacevlle fil-fond 'Seaview Apartments', Triq San Gorg, San Giljan, bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-minuri ta' sittax il-sena Maija Paulina Alonen ta' nazzjonalita Finlandiza.
2. Talli fil-lejl tal-hmistax ta' Lulju, 2000 f'Paceville fil-fond Seaview Apartments, Triq San Gorg, San Giljan bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-minuri ta' sittax il-sena Petra Pulli ta' nazzjonalita Finlandiza;
3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi b'ghemil zieni kkorrompa lil imsemmija minuri Maija Paulina Alonen.
4. Talli fil-lejl tal-hmistax ta' Lulju, 2000 f'Paceville fil-fond Seaview Apartments, Triq San Gorg, San Giljan b'ghemil zieni kkorrompa lil imsemmija minuri ta' sittax il-sena Petra Pulli ta' nazzjonalita Finlandiza;
5. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil imsemmija minuri Maija Paulina Alonen kontra l-volunta taghha, jew ta post biex

din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

6. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil imsemmija minuri Petra Pulli kontra l-volunta taghha, jew ta post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

7. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-imsemmija minuri Maija Paulina Alonen;

8. Talli fil-lejl tal-hmistax ta' Lulju, 2000 f'Paceville fil-fond 'Seaview Apartments' Triq San Gorg, San Giljan, kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-imsemmija minuri Petra Pulli.

9. Talli fl-istess cirkostanzi kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Maija Paulina Alonen kif iccertifikat Doctor Moira Grech tal-isptar San Luqa.

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-periti nominati u tiddikjara lil imputat bhala imigrant pprojbit.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar, 200 esibiti f'dawn l-atti a fol 254.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi principalment fuq apprezzament ta' xhieda ghaliex filwaqt li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat stupra, ikkorrompa, zamm u ssekwestra u kkommetta attentat vjolenti

fuq il-pudur ta' Maija Paulina Alonen u attentat ta' stupru, attentat ta' korruzzjoni, attentat ta' zamma u sekwestru u attentat vjolenti fuq il-pudur ta' Petra Pulli, l-imputat jichad dan b'mod kategoriku u dan mill-bidu nett tal-investigazzjoni meta gie arrestat ftit wara li sehh l-allegat rapport meta ammetta li kellu relazzjoni konsenswali ma dawn t-tfajliet bil-volunta taghhom.

Din il-Qorti a differenza ta' Qrati ohra, kellha l-opportunita li tisma x-xhieda jixhdu u tapprezza l-komportament taghhom minn fuq il-pedana tax-xhieda u ghalhekk ghamlet apprezzament approfondit tal-istess provi biex waslet ghal konkluzzjoni taghha.

Il-Qorti tirrileva li l-provi li trid tiddecidi fuqhom huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti, mhux ammessi.

Barra minn hekk, huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni.

Mill-banda l-ohra, l-imputat huwa prezunt innocenti, ma ghandu jipprova xejn izda jekk jhoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lil **Maija Paulina Alonen tixhed nhar d-dsatax ta' Lulju, 2000** kif jirrizulta a fol 9 tal-atti fejn spjiegat kif kien sehh l-allegat incident. Din spjiegat kif dak il-lejl tas-sbatax ta' Lulju, 2000 ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghaxija, hija telqet mid-dar tal-*host family* fil-Madliena lejn Paceville flimkien mal-habiba taghha Petra Pulli. Huma marru fl-istabiliment Bamboo f'Paceville u hemmhekk iltaqghu ma zewgt ihbieb, telqu mill-Bamboo u marru lejn Burger King. Wara ftit flimkien marru fid-dar ta' dawn z-zewg subien u hadu xi drinks. Maija Paulina Alonen xebet hemm minhabba l-foga tas-sigaretti u telqet qabel Petra Pulli. Pero kellha tiltaqa maghha wara xi ghaxar minuti hdejn l-istabiliment Burger King. Waqt li kienet hdejn Burger King, iltaqghet ma xi hbieb ohra u telghet fl-appartament taghhom li jinsab fuq Burger King. Hemmhekk kien hemm diversi nies, tfajliet u subien.

Din x-xhud kompliet tispjiega li wara xi hames minuti, telqet biex tmur tiltaqa ma Petra Pulli izda hija w hierga mill-flat kien hemm ragel li qabadha u gieghlha tidhol fil-lift tal-flats, zammha minn qadha u skond hi, gieghlha titla fuq il-bejt b'forza. Mistoqsija jekk ghajjtitx, Maija Paulina Alonen wiegbet fin-negattiv ghaliex qalet li bezghet minnu. Hi spjiegat li l-aggressur taghha kien l-imp[utat u kien liebes qalziet iswed. Mistoqsija x'qmis kellu hi ma ftakritx. Hija qalet li l-imputat fetah il-bieb tal-bejt, gibidha fuq il-bejt u beda jnezzaghha. Ghall-ewwel hasbet li tahrab minnu izda wara rrealizzat li kienet qed tibza minnu. Dan, kompliet tixhed din x-xhud, nezzaghha gharwiena u wara nezgha hu. Poggiha mimduda b'darha lejn l-art u pogga idejh madwar ghonqha sabiex ma ticcaqlaqx. Hija spjiegat li l-imputat kien aggressiv hafna fl-agir tieghu.

Hi kompliet tghid li huma kellhom x'jaqsmu ma xulxin u diversi drabi ittentat twaqqfu izda qalilha biex ma tghajjatx u wara, kompliet tispjiega din x-xhud, ghamlet sess orali mieghu. L-ewwel spjiegat li l-imputat gidimha f'ghonqha izda wara li l-Qorti irrimarkat kif giet kagjonata r-redgha li kellha ma ghonqha, hija wiegbet li ma tafx, li ma kienetx konxja li l-imputat setgha redaghha.

Ix-xhud kompliet tghid li wara gabret hwejjigha minn mal-art u qabadha minn qaddha u kaxkarha. Qalet li pprovat tahrab, pero kull darba l-imputat kien jipprova jghallaqha. Hija kompliet tghid li nizlu fis-sular ta'isfel fejn kien hemm shabhom u dak il-hin qalet li bil-biza hassa hazin. Waqt li kienet fil-flat fil-kamra tas-sodda tal-imputat, x-xhud qalet li l-imputat reggha stuprha quddiem shabha. Kull darba li shabha avvicinawhom, qalet x-xhud, l-imputat kien jafsilha ghonqha aktar. Ix-xhud qalet li imbaghad shabha nizzluha isfel u fil-pront kienu ghaddejjin xi Pulizija w rrappurtatilhom x'kien gralha.

Hi kkonfermat li hija giet ezaminata medikament qabel ma inhaslet u hwejjigha li kienet liebsa wara l-allegat stupru, gew mehuda mill-Pulizija ghal ezamijiet forensici. Ix-xhud qalet li hi ndikat lil Pulziija min kien l-aggresur taghha waqt li kienet fl-Ghassa ftit wara l-incident meta l-Pulizija wrewha lil imputat. Din x-xhud qalet li dak il-hin l-imputat qalilha "Please Maija" pero qalet li ma tafx kif ghajjtilha b'isimha ghaliex hi qatt ma kienet taghtu isimha. Mistoqsija jekk kienitx taf lil Petra Pulli qabel ma waslet Malta, din Maija Paulina Alonen wiegbet fl-affermattiv u kkonfermat li waqt li damet Malta harget maghha spiss w iltaqghu ma diversi Gharab qabel dan l-

incident. Din ix-xhud cahdet li kellha xi relazzjoni ma shab l-imputat. Cahdet li kienet taf lil imputat qabel l-incident u li pero fil-flat mikri lilu dahlet f'xi tlett okkazzjonijiet ohra qabel l-incident. Hija kkonfermat li kemm damet Malta f'dik il-gimgha, kellha relazzjonijiet sesswali ma tifel Braziljan u iehor Malta ghalkemm kienet ilha tafhom biss jum u l-condoms li uzaw ipprovdithom hija stess.

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata minnha nhar t-tmintax ta' Lulju, 2000 f'nofs il-lejl, hija qatt ma tat deskrizzjoni tal-allegat aggessur taghha.

Illi **Petra Pulli spjiegat waqt li kienet qed tixhed viva voce l-Qorti** li l-imputat kien ghamel l-istess lilha pero ma hassitx li kellha tirrapporta l-kaz u ghalhekk ezamijiet medici u forensici ma sarux fil-konfront taghha. Din qalet wkoll li ghandha sittax il-sena u kkonfermat li kienet marret gol-flat tal-imputat darba biss qabel l-incident u dan kien flimkien ma Maija Paulina Alonen. Pero ma cahditx li Maija Paulina Alonen setghet marret f'okkazzjonijiet ohra minghajrha.

Mistoqsija jekk ratx lil imputat, Petra Pulli wiegbet li setghet ratu qabel f'xi okkazzjoni procedenti u li possibilment kien jismu Salah. Hi qalet pero li kellmitu f'okkazzjonijiet precedenti u sahansitra kkonfermat li darba minnhom raqdet wkoll mieghu u spiccat li kellha x'taqsam mieghu kontra l-volunta taghha, ghalkemm ma hassitx l-htiega li tirrapporta l-incident qabel ma gara l-kaz ta' Maija Paulina Alonen.

**Doctor Mario Scerri** li gie imressaq mill-Prosekuzzjoni **xehed nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 2000** kif jirrizulta a fol 206 tal-atti odjerni fejn sjiega li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkejsta sabiex jezamina lil Maija Paulina Alonen nhar t-tmintax ta' Lulju, 2000 u lil imputat. Huwa esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MS. Minn ezami ta' dan d-dokument jirrizulta li Maija Paulina Alonen kellha *love bite* friska ta' ftit sieghat fuq in-naha tax-xellug fuq ghonqha. Jirrizulta wkoll li ma kienx hemm sinjali kompatibbli m'ghafis fuq l-ghonq ghalkemm kien hemm *grip marks* friski fuq dirghajha. Jirrizulta wkoll li fuq darha kellha wkoll diversi grif frisk ta' ftit sieghat ghalkemm kien ghadu ahmar u shun. Jirrizulta li l-imputat ma kellu ebda lezjoni friska. Illi l-ezami mediku li sar fl-

isptar San Luqa fit-tmintax ta' Lulju, 2000 ghall-habta tal-hamsa w ghaxra ta' filghodu, u cioe ftit wara li sar dan l-allegat incident. Illi hwejjigha fosthom top iswed, brazziere, qalziet ta' taht u dublett iswed gew mghoddija lil espert Serologista Christopher Farrugia ghal aktar ezamijiet forensici.

Meta Doctor Mario Scerri gie mistoqsi kellhomx jinstabu secrations tal-imputat fuq il-vittma f'kaz li sar sess orali jew xi egakulazzjoni, Doctor Mario Scerri wiegeb fl-affermattiv u qal li dik hi l-probabbilita. Ghalhekk peress li sab kemm brix m'ghonqha u xi tbengil iehor fuq sidirha, kompatibbli ma *bite marks* ha xi control swabs taghhom biex jigu komparati ma xi swabs mehuda minn fuq il-persuna tal-imputat, l-allegat aggressur, pero dan l-analizi ma jsirx minnu izda mis-Serologista.

**Christopher Farrugia, s-Serologista nominat mill-Qorti f'dan il-kaz spjiega** li minn ezami li ghamel fuq d-dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-ezami ta' spermatozoa u acid phosphate, dawn taw rizultat negattiv. Illi anke t-test li ghamel ghal possibilita ta' salivary amerade fuq d-dokumenti li gew mghoddija lilu, dan wkoll ta

rizultat negattiv fil-konfront tal-imputat. Ghalhekk b'mod car u determinat kif jirrizulta a fol 201 tal-atti, l-espert jghid li r-rizultat tieghu kien esklussiv totali ghal presenza ta'saliva tal-imputat.

Illi ghalhekk mill-punto di vista ta' xjenza, l-Prosekuzzjoni m'irnexxilha tipprova xejn posittiv fil-konfront tal-imputat; anzi t-testijiet li saru lkoll taw rizultat negattiv fil-konfront tieghu u ghalhekk il-Qorti kellha taghmel apprezzament tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri.

**Nasser Said, Abdul Rawf u Ali Hasan Ali ilkoll irrilaxxjaw stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni** li jinsabu esibiti fl-atti bhala dokument CSH 1, CSH 2, u CSH 3 rispettivament u minn ezami akkurat taghhom jirrizulta li l-imputat kellu incident ma Maija Paulina Alonen ghaliex kienu rawha tibki nofsha liebsa bil-bra u qalziet ta' taht u bi stress pero hadd ma qal li ra lil imputat jkollu x'jaqsam maghha fil-lejl ta' bejn s-sbatax w t-tmintax ta' Lulju, 2000. Qalu li raw lil imputat fil-kumpanija taghha qabel dak l-lejl jitbewwsu kif jirrizulta a fol 31 tal-atti. Huma cahdu li dahlet fil-kamra tas-sodda izda fil-fatt jghidu li meta rawha rrabbjata, ghenuha tinzel isfel sabiex

taqbad taxi. Abdul Rawf pero, kif jirrizulta a fol 53 tal-atti, jghid li huwa zamm lil Salah (l-imputat) biex ma jitlifx l-kontroll u jsir bhal annimal u jkollu s-sess maghha meta hija ma riditx.

**Nasser Said jghid** li waqt l-allegat incident ma kienx fil-flat pero jaf lil Maija Paulina Alonen u lil Petra Pulli ghaliex f'okkazzjonijiet precedenti iltaqa maghhom u xorob maghhom fil-flat taghhom.

**Youseff Youniss Salah spjiega** kif darba minnhom kien mar fuq il-blat hdejn il-bahar ma Petra Pulli u kellu x'jaqsam maghha waqt li Maija Paulina Alonen kienet fil-kumpanija ta' siehbu Mohammed. Dan il-fatt huwa wkoll ikkonfermat minn Petra Pulli fix-xhieda taghha li tat fis-seduta nhar l-ghoxrin ta' Lulju, 2000 kif jirrizulta a fol 67 tal-atti odjerni.

**L-Ispettur Sharon Tanti fix-xhieda taghha li tat nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju, 2000**, esibit sett ritratti fejn fosthom hemm ritratt ta' Petra Pulli f'hogor Salah Ali Agouri ma gemb Ali Hasan.

Illi fl-istess jum tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju, 2000 xehdet WPC 63 Janet Zammit fejn qalet li hija zviluppat sett ta' sebgha w ghoxrin ritratt li kien hemm fil-camera ta' Maija Paulina Alonen u fost r-ritratti li jinsabu esibiti l-Qorti, hemm zewg ritratti li juru lil Maija Paulina Alonen u lil Petra Pulli fil-kumpanija ta' shab l-imputat u dan presumibilment f'okkazzjonijiet differenti, ghaliex l-istess nies huma lebsin differenti. F'ritratt wiehed, fost l-irgiel ta' nazzjonalita Gharbija, tidher wkoll Maija Paulina Alonen. Dawn huma l-istess irgiel li xehdu f'dawn il-proceduri fosthom Nasser Said, Abdul Rawf u Ali Hasan Ali.

Meta Maija Paulina Alonen giet mistoqsija kif jirrizulta a fol 114 tal-atti, jekk haditx xi ritratt tal-aggressur taghha qabel l-incident, din x-xhud kienet evaziva hafna u qalet "*Sometimes I do take photos of friends of mine and there may be their friends whom I do not know and they appear in the photograph*."

Il-Qorti ghalhekk thossha difficili temmen in toto il-versjoni tal-fati kif esposti mill-allegati vittmi. Il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li fil-lejl ta' bejn s-sbatax w t-

tmintax ta' Lulju, 2000, l-imputat stupra lil Maija Paullina Alonen u dan ghaliex anke fil-provi xjentifici imressqa mill-Prosekuzzjoni kollox jirrizulta fin-negattiv. Il-Qorti ssibha difficili temmen lil Maija Paulina Alonen meta tghid li l-imputat kellu x'jaqsam maghha tlett darbiet fl-istess lejl w imbaghad mill-ezamijiet forensici ma johrog xejn posittiv, ghalkemm giet ezaminata minnufih. Illi dak l-lejl il-Qorti ma thossx li l-imputat zamm jew issekwestra fuq il-bejt lil Maija Paulina Alonen kontra l-volunta taghha. Fil-fatt il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat kien qed jinnamra ma Maija Paulina Alonen u meta wasal fil-punt krucjali li jkollu x'jaqsam maghha, dakinhar ma riditx u waqfitu u l-imputat ma ridx jieqaf u sabha difficili jikkontrolla ruhu u fil-fatt il-Qorti temmen li Maija Paulina Alonen l-imputat nizlet nofsha liebsa ghaliex telqet minn ma l-imputat ghaliex ma riditx taf aktar. Shabha li kienu fil-flat mill-ewwel tawha l-ghajnuna li riedet u ghalhekk kieku kien veru li ssekwestrha, zgur li kienu jindunaw u jaghtuha l-ghajnuna.

Illi l-griehi li kellha Maija Paulina Alonen zgur li gew kagjonati mill-imputat waqt li kien qed jinnamra maghha fuq il-bejt waqt li kienet mimduda mal-art.

Illi fil-konfront ta' Petra Pulli, il-Qorti ma thossx li l-versjoni tal-fatti kif spjiegati mill-istess Petra Pulli b'mod kazwali fix-xhieda taghha, jammontaw ghal xi stupru jew arrest illegatli.

Illi l-imputat fid-xhieda tieghu, jghid li huwa kellu x'jaqsam ma Petra Pulli u Maija Paulina Alonen f'aktar minn okkazzjoni wahda u b'mod separat u ghalhekk fuq ammissjoni tieghu stess peress li Petra Pullu u Maija Paulina Alonen huma minorenni u cioe ghandhom biss sittax il-sena, **il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat SALAH DI ALI AGOURI hati talli b'ghemil zieni kkorrompa lil Maija Paulina Alonen u lil Petra Pulli, talli kkommetta attentat vjolenti fuq il-pudur taghhom t-tnejn, u talli kkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maija Paulina Alonen .**

**Il-Qorti** qiset c-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe li l-allegati vittimi diga kellhom diversi esperjenzi ta' sess tant li sahansitra anke il-*condoms* kienu jipprovduhom huma, u li l-imputat ghandhu fedina penali netta u ammetta l-partecipazzjoni tieghu f'dak li ghamel, wara li **tiddikjara li qed issib lil imputat SALAH DI ALI AGOURI hati tar-reat ta' attentat vjolenti fuq il-pudur u hati talli b'ghemil zieni**

**kkorrompa lil Maija Paulina Alonen u lil Petra Pulli u talli kkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maija Paulina Alonen, li tikkundanna lil istess SALAH DI ALI AGOURI ghal piena karcerarja ta' erbatax il-xahar u tiddikjara li mhux qed issibu hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minn dawk l-akkuzi.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lil imputat SALAH DI ALI AGOURI bhala immigrant pprojbit u tordna li tinhareg Ordni ta' Tkeccija fil-konfront tieghu.**

**Dwar t-talba tal-Avukat Generali sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat li l-ispejjes gew inkorsi fl-istadju tal-inkjesta u mhux fil-kumpilazzjoni u ghaldaqstant in linea mas-sentenzi moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali* fosthom dik *deciza nhar s-sittax ta' Jannar, 1999* fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia, il-Qorti qed tichad tali talba.**

Illum, 26 ta' Settembru, 2002

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car s-sinifikat ta' din s-sentenza lil imputat li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**